

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14869/23

FIN 1109  
COMPET 1060  
IND 578  
MI 923  
CLIMA 522  
COH 76  
ENER 588  
ENT 231  
ENV 1213  
RC 40  
RECH 479  
TRANS 464

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14515/23	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji: Jinħtieġ impetu strateġiku ġdid" - <i>Approvazzjoni</i>

---

1. Fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport speċjali Nru 15/2023 bit-titolu "Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji: Jinħtieġ impetu strateġiku ġdid".
2. F'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti tal-Awdituri<sup>1</sup>, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Lulju 2023, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) biex jeżamina r-rapport speċjali skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dokument 7515/00 + COR 1.

<sup>2</sup> Dokument 11064/23.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina r-rapport speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Lulju 2023.
4. Fis-7 ta' Settembru 2023, il-Presidenza ppreżentat proposta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>3</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) iddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Settembru 2023.
5. Abbażi tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-14 ta' Settembru 2023 u l-kummenti li waslu bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet proposta riveduta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>4</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) iddiskuta l-abbozz rivedut ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2023.
6. Abbażi tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tad-9 ta' Ottubru 2023 u kummenti ulterjuri li waslu bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet it-tieni proposta riveduta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>5</sup>. Il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet biex jipprovdu kwalunkwe kumment possibbli dwar din il-formulazzjoni riveduta sas-27 ta' Ottubru 2023.
7. Filwaqt li qieset it-talba għal modifika minuri li waslet minn delegazzjoni waħda, il-Presidenza ħejjiet it-tielet abbozz rivedut ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif jinsab fl-ANNEX għal din in-nota. L-unika bidla meta mqabbel mad-dokument 14515/23 (għandha titħassar kelma waħda) hija indikata b'[...]. L-ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjonijiet oħra għat-test li kien ġie propost mill-Presidenza fid-dokument 14515/23.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
  - jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-ANNEX;
  - jirrakkomanda dawn il-konklużjonijiet lill-Kunsill għall-approvazzjoni bħala punt "A".

---

<sup>3</sup> Dokument 12707/23.

<sup>4</sup> Dokument 13661/23.

<sup>5</sup> Dokument 14515/23.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**  
**dwar ir-rapport speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:**

**"Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji: Jinħtieġ impetu strateġiku ġdid"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rapport speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji: Jinħtieġ impetu strateġiku ġdid "u JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet tal-Qorti;
2. JENFASIZZA l-importanza tal-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji bħala ħtieġa essenzjali strateġika għall-UE, li tippermetti t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tappoġġa l-kompetittività tas-setturi industrijali rilevanti, b'mod partikolari s-settur awtomobilistiku, u JISSOTTOLINJA li l-produzzjoni tal-batteriji fl-UE hija mistennija li tiżdied malajr sal-2030;
3. JISĦAQ fuq l-importanza tal-objettivi ta' politika u l-għodod ta' intervent stipulati fil-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-Kummissjoni dwar il-batteriji tal-2018 bħala qafas rilevanti għall-iżvilupp ta' politika industrijali Ewropea dwar il-batteriji u bħala strument ewleni b'appoġġ għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE, inkluż forza tax-xoġhol b'ħiliet għolja;
4. JILQA B'SODISFAZZJON l-osservazzjonijiet tal-Qorti li l-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira wettqet l-aktar azzjonijiet sinifikanti fil-pjan ta' azzjoni tagħha, li l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-batteriji hija appoġġata mill-partijiet ikkonċernati Ewropej u allinjata mal-istrateġiji tal-Istati Membri, u li l-Kummissjoni stabbiliet strumenti ewlenin b'appoġġ għas-settur tal-batteriji, bħall-ħolqien ta' pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati li jinkludu l-katina tal-valur kollha, proposta leġislattiva għal regolament ġdid dwar il-batteriji li jespandi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas leġislattiv preċedenti, u żieda fl-appoġġ finanzjarju pubbliku għall-proġetti ta' riċerka, innovazzjoni u manifattura; JIEĦU NOTA wkoll tal-ġhoti ta' għajjnuna mill-Istat permezz ta' żewġ Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs);

5. JESPRIMI TĦASSIB, madankollu, dwar ir-riskju sinifikanti identifikat mill-Qorti li l-mira ta' emissjonijiet żero tal-Kummissjoni għall-2035 mhux ser tintlaħaq minħabba produzzjoni insuffiċjenti tal-batteriji, jew li tista' tintlaħaq abbażi ta' batteriji jew vetturi elettriċi importati, għad-detriment tal-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE u l-impjiegi assoċjati; IQIS li dan jista' jaggrava grad diġà għoli ta' dipendenza fuq l-importazzjoni minn pajjiżi fornituri partikolari u għalhekk ikompli jżid ir-riskji tal-provvista, u JIDDISPJAĊIJIH għat-tnaqqis osservat reċentement<sup>6</sup> fl-investimenti privati fil-katina tal-valur tal-batteriji fl-Ewropa;
6. JINNOTA li l-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE għadha dipendenti ħafna fuq provvisti minn barra l-UE u li, mill-2030 'il quddiem, il-manifatturi tal-UE jistgħu jiffaċċjaw nuqqas ta' materja prima ewlenija tal-batteriji minħabba l-effetti kkombinati ta' żieda fid-domanda globali, xprunata l-aktar mill-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u l-limitazzjonijiet tal-provvista domestika tal-UE ta' materja prima li hija kemm skarsa kif ukoll riġida; JIRRIKONOXXI l-isforzi mgħedda tal-Kummissjoni biex tindirizza din is-sitwazzjoni billi toħroġ il-proposti tagħha għal Att dwar il-Materja Prima Kritika u Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
7. JIEĦU NOTA tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-finanzjament pubbliku tal-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji huwa kkoordinat b'mod insuffiċjenti, jiddependi mill-post, u r-riżultati tiegħu ma jilħqux l-ambizzjonijiet - u dan minkejja d-diversi flussi ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ġodda ta' riċerka u manifattura tal-batteriji li ammontaw għal mill-inqas EUR 1.7 biljun mill-baġit tal-UE matul il-perjodu 2014-2020 u għajjnuna mill-Istat sa EUR 6 biljun bejn l-2019 u l-2021, approvati fost l-oħrajn taħt l-IPCEIs;
8. JILQA' l-konklużjoni ġenerali li madankollu saret mill-Qorti li l-promozzjoni mill-Kummissjoni ta' politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji kienet effettiva, minkejja n-nuqqasijiet identifikati fil-monitoraġġ tad-data rilevanti, fil-koordinazzjoni u l-immirar tal-finanzjament tal-UE, kif ukoll il-fatt li l-aċċess għall-materja prima jibqa' sfida strateġika ewlenija għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE;
- 8a. JISĦAQ, oltre mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, fuq l-importanza li tiġi żviluppata u msaħħa [...] forza tax-xogħol b'ħiliet għolja fil-partijiet kollha tal-katina tal-valur;

---

<sup>6</sup> Dokument ta' diskussjoni tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji (EBA) għas-7 Laqgħa ta' Livell Għoli tal-EBA, 1 ta' Marzu 2023, p. 3.

9. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex:

- taġġorna l-istrateġija tagħha għal katina tal-valur tal-batteriji Ewropea sostenibbli u kompetittiva abbażi ta' aspettattivi realistiki biex tirrifletti l-evoluzzjoni globali tas-settur tal-batteriji mill-2018 'l hawn, kif ukoll l-isfidi strateġiċi attwali tagħha, speċjalment l-aċċess għall-materja prima u avvanzata;
- tinkludi miri kwantifikati u marbuta biż-żmien għall-għanijiet doppji li tinkiseb in-newtralità klimatika u settur awtomobilistiku kompetittiv fl-UE, u tiżgura l-konsistenza tal-miri għall-produzzjoni domestika tal-batteriji mal-provvista tal-materja prima u avvanzata meħtieġa biex tiġi sostnuta dik il-produzzjoni;
- issaħħaħ il-monitoraġġ tagħha tal-katina tal-valur tal-batteriji billi tibbażaha fuq data f'waqtha u verifikabbli b'mod indipendenti, u b'hekk tippermetti t-traċċar tal-progress reali lejn l-oġettivi tal-UE u twissi kontra riskji potenzjali għall-kisba tagħhom, u tiżgura li l-monitoraġġ ikopri l-istadji kritiċi tal-katina tal-valur, inkluż il-produzzjoni domestika tal-materja prima u avvanzata ewlenija meħtieġa biex jitwettqu l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri tal-batteriji;
- tibni u żżomm ħarsa ġenerali konsolidata lejn is-sorsi ta' finanzjament tal-UE u, fejn ikun hemm informazzjoni disponibbli, lejn is-sorsi ta' finanzjament nazzjonali li jipprovdu appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-katina tal-valur tal-batteriji;
- ittejjeb il-koordinazzjoni u l-immirar tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji, filwaqt li tqis il-finanzjament nazzjonali diġà pprovdut lil din l-industrija;
- issaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwivalenti għall-parteciċipanti kollha f'IPCEI dwar il-batteriji f'termini ta' aċċess għall-finanzjament pubbliku u l-appoġġ finanzjarju, sabiex il-kollaborazzjonijiet previsti mill-IPCEI jkunu jistgħu jiġu implimentati kif skedat u jkunu jistgħu jinkisbu effetti konsegwenzjali biex jinfirxu l-benefiċċji fost l-Istati Membri u l-kumpaniji ta' kull daqs;

10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis ir-rapport speċjali Nru 15/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fil-politiki tagħha, u taġġorna l-pjan ta' azzjoni strateġiku dwar il-batteriji, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar tal-aċċess għall-materja prima.

---